MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Talba Numru. 269/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Donna Andrews (K.I. 203386M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija seba’ u disghin ewro u erbgha u ghoxrin ewro centezmi (€597.24) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 1426 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-24 ta' Marzu, 2010 mill-PL Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l- konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------